# Għaliex għażlu lill-Madonna ta' Pompej



*Kitba ta' Joseph Grech*

Sa mill-bidu nett sal-ġurnata tal-llum, għadek tisma lil xi nies jistaqsu: "Kif ix-xlukkajri Antiki kienu waslu biex jagħżlu lill-Madonna ta' Pompej bħala Patruna ta' Marsaxlokk?" Għaliex, meta ħafna minnhom kienu sajjieda, ma għażlux lill-Padrun tas-sajjieda San Andrija? Jew il-Madonna tal-Karmnu? Jew xi Qaddis jew Qaddisa oħra? Għaliex il-Madonna ta' Pompej?

## Marsaxlokk il-Qadim

Jekk inqallbu fost il-kotba storiċi ta' pajjiżna, insibu illi madwar 5,000 sena ilu, kienu jgħammru f'Malta in-nies imsejħa Neolitiċi, li fuq l-għolja illum imsejħa Tas-Silġ, bnew maqdes għal alla mara Omm in-Natura.

Madwar 2000 sena Qabel Kristu ġew il-Feniċi. Dawn sabu il-maqdes li kellhom in-Neolitiċi irranġawh għall-istil tagħhom u iddedikawh lil alla tagħhom Axtarte / Tanit.

Warajhom ġew il-Kartaginizi fis-seklu tmienja Qabel Kristu. Dawn għamlu użu mill-imqades li kellhom il-Feniċi ta' Axtarte / Tanit, kif ukoll ta' Melkart.

Fis-sena 218 Qabel Kristu is-suldati Rumani invadew u okkupaw il-Gżejjer tagħna, u lill-port ta' Marsaxlokk semmewh Port Erkole. Ir-Rumani ħadu kontroll tal-maqdes li kellhom il-Kartaginizi u iddedikawh għal alla mara Guno. Wara r-Rumani, f'nofs is-seklu erbgħa Wara Kristu, ġew il-Bizantini. Dawn ħadu f'idejhom il-maqdes ta' Guno, bnew Bażilika tal-Insara u ddedikawha lil Marija Santissma Omm l-Insara.

Iżda ġara li għall-ħabta tas-Sena 850 Wara Kristu, gew l-għedewwa li telgħu fuq l-għolja ta' Tas-Silġ, ħarqu l-Bazilika tal-Insara flimkien mal-monasteru tal-Patrijiet. Ma kienx fadal ħlief rovina. B'hekk spiċċa dan kollu li kien hemm f'Marsaxlokk tal-qedem.

## Marsaxlokk il-Gdid

Meta fis-sena 1611 il-Gran Mastru Aloif de Wignacourt bena t-Torri San Luċjan, Marsaxlokk il-ġdid beda bil-mod il-mod jiġi abitat mill-bdiewa u s-sajjieda.

Fis-sena 1650 inbniet il-Knisja tal-Madonna tas-Silġ, flimkien mal-palazz li hemm magħha, u issa Marsaxlokk il-ġdid kellu l-bidu tiegħu fi Knisja oħra gdida, mibnija ma ġenb l-istess post tal-Knisja maħruqa. U it-tnejn dedikati lil ommna Marija Santissma. Din grat hekk b'Kumbinazzjoni? Jew dan iġiegħlna naħsbu li l-Madonna donna riedet xi ħaġa minn dan ir-raħal tagħna? Marsaxlokk ħa ż-żmien sabiex jifforma. Għall-ħabta tas-sena 1785 in-numru ta' sajjieda kienu devoti ħafna ta' Sant' Andrija u għalhekk akkwistaw statwa tal-ġebel ta' dan il-Qaddis, maħduma minn Vincenzo Dimech, li inġarret għal Marsaxlokk u ġiet impoġġija qrib sewwa ta' xatt il-baħar, tħares lejn il-bajja. Dan sar bil-barka ta' l-Arċisqof Vincenzo Labini fit-13.07.1791. Id-devozzjoni tas-sajjieda Xlukkajri lejn dan il-Qaddis kienet kbira.Għadda ż-żmien li matulu ġew il-Franċiżi u warajhom ġew l-Ingliżi. Kien fi żmien l-Ingliżi li n-nies ta' Marsaxlokk bdew iħossuhom aktar siguri mill-attakki tal-għedewwa. Għalhekk kien fis-Seklu 19W.K. li Marsaxlokk il-ġdid beda jieħu l-forma ta' raħal kif nafuh illum.

## Bżonn ta' Knisja

Sa mis-sena 1450, Marsaxlokk kien jagħmel mal-Parroċċa taż-Żejtun iżda kienet is-sena 1887 meta f'dan ir-raħal beda jinħass il-bżonn li jkollhom Knisja għax ma xtaqux li sabiex jiġu amministrati s-Sagramenti, kellhom ta' kull darba joqogħdu jmorru ż-Żejtun. Għalhekk bagħtu delegazzjoni għand l-Arċisqof sabiex jitolbu l-permess tiegħu għall-bini tal-Knisja ġdida u Mons. Arċisqof Pietru Pace tahom il-permess meħtieġ.

## "Alla jipprovdi u L-Madonna tgħina"

Dan kien il-kliem li ħareġ minn fomm u mill-qalb tax-Xlukkajri meta ġie mogħti lilhom dan il-permess. Is-sena 1889 kienet sena ta' sfida għal poplu żgħir Xlukkajr. Huma kellhom iwiegbu dawn il-mistoqsijiet: 1) Għandna art u flus biex bihom nibnu l-Knisja? 2) U lil min ser niddedikawha? F'dak iż-żmien (1889/90) in-nies ta' Marsaxlokk kienu għaddejjin minn perjodu ta' faqar u mizerja u kienu jafu li bil-ġbir tal-poplu ma kienu se jaslu qatt. Allura x'ser nagħmlu? Huma kellhom Fidi kbira li Alla jipprovdi, u li l-Madonna tgħinhom, u hekk tassew ġara. Il-Madonna riedet li l-Bizantini, fis-sena 350W.K. jibnu Tempju ddedikat lilha fuq l-għolja ta' Tas-Silġ, u riedet ukoll li n-nobbli u s-sinjuri fis-sena 1650W.K. jibnu Knisja qrib l-istess post. Hekk ukoll fis-sena 1890 il-Madonna inqdiet b'żewġ persuni sabiex, flimkien ma' oħrajn, fosthom is-sajjieda jiddedikaw Għaliha din il-Knisja ġdida li kienet ser tinbena.

## Id-devozjoni lejn il-Madonna ta' Pompej

Ejjew naraw issa x'kien qed jigri fl-Italja ta' dak l-istess żmien. Ix-xogħol kbir li wettaq il-Beatu Bartolo Longo, fil-Wied ta' Pompej, fost il-bdiewa u r-raħħala abbandunati kien wassal biex id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompej tinxtered mad-dinja kollha fost l-Insara. Din id-Devozzjoni intlaqgħet tajjeb ukoll fil-Gzejjer tagħna u bdew isiru il-Pellegrinaġġi għas-Santwarju ta' Pompej.

## Minn kienu ż-żewġ persuni

Tnejn minn nies li kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Pompej kienu Mons. Isqof Pietru Pace u l-Markiża ta' San Pietru, għaliex kienet toqgħod fid-dar ta' San Pietru. Il-Markiza kienet xebba Taljana magħrufa bħala il-Principessa Roza Sabbatini, u fis-sena 1874 iżżewget lil Markiz Gużeppi Apap Testaferrata. Din is-Sinjura fis-sena 1885 kienet fuq bastiment bil-qlugħ ibaħħar lejn il-punent tal-Italja meta qamet maltempa kbira li kienet ser tgħarraqhom. Hija talbet il-Madonna ta' Pompej sabiex issalvahom u bil-Grazzja Tagħha rnexxielhom jidħlu fil-Port ta' Bastja, f'Korsika.Għalhekk bħala ringrazzjament, hija offriet li tħallas Nofs l-ispiża tal-bini tal-Knisja jekk ix-Xlukkajri jiddedikawha lil Madonna ta' Pompej.

Mons. Arċisqof Pietru Pace xtaq li xi Parroċċa fil-Gżejjer tagħna tkun iddedikata lil Madonna ta' Pompej. U mill-ewwel ġieh il-ħsieb tar-raħal żgħir ta' Marsaxlokk. Sejjah lix-Xlukkajri u qalilhom bix-xewqa tiegħu.

## Il-Padruna tar-Raħal Tagħna

Issa kien imiss lix-Xlukkajri li jiddeċiedu. Kien fl-aħħar xhur tas-sena 1889 meta dawn l-antenati tagħna iltaqgħu fil-maħżen tas-sajd.

## Lil min ser tkun dedikata il-Knisja?

Sabiex jiddeċiedu issemmew l-offerta tal-Markiża, ix-xewqa tal-Arċisqof, u speċjalment id-devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Pompej. Kien hemm minn issuġġerixxa lil San Andrija bħala Padrun tas-Sajjieda. Oħrajn semmew lil Madonna tal-Karmnu. Iżda l-maġġoranza għoġbita l-idea li din il-Knisja tkun dedikata għal Madonna ta' Pompej. Wara li tkellmu, dawn l-antenati tagħna ħadu deċizjoni unanima li l-knisja ġdida tkun dedikata lil Madonna ta' Pompej. U hekk sar.